**Nru. 384**

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U SERVIZZI FINANZJARJI**

**Għotja tal-Funerali**

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 965, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,314 tat-23 ta' Settembru, 2014, l-artikolu 4 tal-iskema ta' għotja 'Funerali' qed jiġi emendat biex jinkludi l-klawsola li ġejja.

Fid-dawl tat-tifqigħa COVID-19, f'każijiet fejn il-quddiesa tal-funeral u d-difna ma jsirux fl-istess data (bil-quddiesa ssir f'data li tiġi wara dik tad-difna), applikazzjoniet taħt din l-iskema, inklużi d-dettalji tad-dokumenti meħtieġa, għandhom isiru sa mhux aktar tard minn sitt xhur (180 ġurnata) mid-data tal-quddiesa tal-funeral. Applikazzjonijiet milqugħa 'tard', jiġifieri wara dawn is-sitt xhur jiġu kkunsidrati bħala applikazzjonijiet invalidi.

L-artikoli l-oħra kollha u l-kundizzjonijiet applikabbli taħt l-iskema ta' għotja maħruġa skont in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 965, ippubblikata fil-Gazetta tal-Gvern Nru. 19,314 tat-23 ta' Settembru, 2014, se jibqgħu fis-seħħ fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom u jibqgħu jkunu effettivi u vinkolanti.

Din l-emenda se tkun fis-seħħ għal perjodu temporanju sakemm il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji jindika mod ieħor.

Id-9 ta' April, 2020

**No. 384**

**MINISTRY FOR FINANCE AND FINANCIAL SERVICES**

**Funerals Grant**

WITH reference to Government Notice No. 965, published in Government Gazette No. 19,314 of the 23rd September, 2014, article 4 of the grant scheme 'Funerals' is being amended to include the following clause.

In view of the COVID-19 outbreak, in cases where the funeral mass and the burial are not held on the same date (i.e. the funeral mass is held on a date following the date of the burial), applications under this scheme, including the details of documents required, should be submitted by not later than six months (180 days) from the date of the funeral mass. Applications received 'late', that is after the six-month period, shall be deemed to be invalid applications.

All the other articles and applicable conditions under the grant scheme issued in terms of Government Notice No. 965, published in Government Gazette No. 19,314 of the 23rd September, 2014 shall be kept in force within their terms and conditions and shall continue to be effective and binding.

This amendment will be in force for a temporary period until the Minister for Finance and Financial Services indicates otherwise.

9th April, 2020

**Nru. 385**

**AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA**

**Tlestija ta' Formazzjoni ta' Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf bl-intenzjoni tagħha li tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Ġdida fi Triq San Pietru, L-Imġarr (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3173).
Sqaq Fra Diegu, Ir-Rabat (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3174).
Triq Għar Bittija, Ħad-Dingli (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3175).
Triq Ġnien Dwieli, L-Imġarr (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3176).
Triq it-Tabib J Zammit, Ħal Balzan (indikata fuq il-pjanta f'paġna 3177).

**No. 385**

**AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA**

**Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension**

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

New Street in Triq San Pietru, Mġarr (indicated on the site plan on page 3173).
Sqaq Fra Diegu, Rabat (indicated on the site plan on page 3174).
Triq Għar Bittija, Ħad-Dingli (indicated on the site plan on page 3175).
Triq Ġnien Dwieli, Mġarr (indicated on the site plan on page 3176).
Triq it-Tabib J Zammit, Ħal Balzan (indicated on the site plan on page 3177).